# Ħarsa lejn
# *Il-Maskilità f'xi Novelli Maltin*

Raquel Smith

*Il-Maskilità f'xi Novelli Maltin* (2011) hija teżi li tistħarreġ il-maskilità fin-novelli *Newbiet* ta' Frans Sammut, *Lura d-Dar u Ġrajjiet Oħra li ma Ġrawx* ta' Walid Nabhan u *Il-Linja l-Ħadra* ta' Clare Azzopardi. Bit-terminu maskilità wieħed jifhem li:

> *According to the social determination argument masculinity emerges from men's social activities. Masculinity is the sum of men's characteristics 'practices' at work, with their families, in their communities, and in the groups and institutions to which they belong.* (Edley u Wetherell 96)

Din it-teżi tibda billi tanalizza dak li jgħidu studjużi u teoriji differenti dwar il-maskilità. Ir-raġel huwa mistħarreġ minn perspettivi differenti għax insibu dak li jgħidu studjużi differenti dwar l-isterjotipi tar-raġel, dwar il-mod kif ir-raġel iġib ruħu f'istituzzjonijiet differenti, kif ukoll dwar ir-rabta tar-raġel mal-vjolenza u mal-fraġilità. Fid-dawl ta' dawn l-istudji, din it-teżi, tkompli billi tistħarreġ kif ir-raġel hu ppreżentat fil-letteratura tradizzjonali, jiġifieri dik li nkitbet qabel l-Indipendenza. F'din il-parti ġie analizzat ir-raġel f'xi xogħlijiet meħuda min-narrattiva storika, min-narrattiva nostalġika, min-novelli soċjali u minn rumanz soċjopsikoloġiku. Bis-saħħa ta' din l-analiżi seta' jiġi mqabbel il-mod kif l-awturi tradizzjonali qegħdin jippreżentaw lir-raġel mal-mod kif ir-raġel hu ppreżentat fin-novelli moderni (ta'Sammut, Nabhan u Azzopardi). Minn dan l-istudju joħroġ li fin-narrattiva tradizzjonali r-raġel jaħdem waqt li l-mara tagħmel ix-xogħol

tad-dar. Ħafna drabi f'din in-narrattiva r-raġel hu superjuri għal martu. Ir-raġel hu dak li jiddeċiedi jekk bintu tistax tiżżewweġ lir-raġel li għażlet.

Il-qofol ta'din it-teżi ntleħaq meta ġie analizzat fid-dettall il-karattru tar-raġel skont kif jidher fin-novelli ta' Sammut, Nabhan u Azzopardi fid-dawl tat-teoriji dwar il-maskilità u b'xi tqabbil mal-letteratura tradizzjonali.

F'din t-teżi ntgħażlu dawn il-kittieba biex fi ħdan il-letteratura moderna naraw perspettivi differenti. Dan għaliex f'din it-teżi ġie analizzat il-mod kif raġel jippreżenta lir-raġel u kif mara tippreżenta lir-raġel. Barra minn hekk, bejn il-kittieba rġiel insibu differenza għax Sammut hu Malti waqt li Nabhan hu ta' oriġini barranija u qed jikteb bil-lingwa Maltija. Għalhekk, insibu rġiel li għandhom sfond kulturali differenti. Fi ħdan dawn it-tliet kittieba nsibu wkoll differenzi fiż-żmien meta kitbu n-novelli għax waqt li Sammut kiteb il-maġġoranza tan-novelli fis-snin sittin u sebgħin, Azzopardi u Nabhan kitbu n-novelli bejn l-2006 u l-2009.

F'din it-teżi ntgħażlu tliet temi: l-idea tar-raġel, ir-raġel u r-relazzjonijiet tiegħu mal-oħrajn u l-vjolenza u l-fraġilità tar-raġel. F'din il-kitba sa nagħtu ħarsa ħafifa lejn xi teoriji li ġew diskussi f'dan ix-xogħol u lejn xi wħud mill-punti li ħarġu minn dan l-istudju.

Haralambos u Holborn jistqarru li għalkemm ħafna mill-istudji saru mill-irġiel u kienu fuq l-irġiel ftit biss trattaw il-maskilità (186). Waqt li Seidler jistqarr li

> *"Masculinity is never something you can feel at ease with. It is always something that you have to be ready to defend and prove. You have to prove that you are as much a man as everyone else. Often this means putting others down, especially girls."* ("Masculinity and Violence," 64).

L-idea tal-irġulija toħroġ l-aktar min-novelli ta' Sammut. Fin-novella "Bank" (Sammut) niltaqgħu ma' Krazju li tul in-novella qatt ma jagħmel xejn li jindika l-femminilità. Lil Krazju ma narawhx jibki lanqas meta jitkellem dwar it-telfa ta' martu. Barra minn hekk, Krazju jidher raġel li ma jaqtax qalbu u kien determinat f'dak li ried. Għall-kuntrarju, Nabhan u Azzopardi jippreżentaw ir-raġel b'mod aktar kumpless. Filwaqt li Azzopardi, fin-novelli tagħha li ġew analizzati f'din it-teżi, tagħti aktar prominenza lill-mara u l-mara mhix preżentata bħala karattru passiv.

McLeod jgħid li kif jissuġġerixxi Connell wieħed dejjem irid jitkellem fuq il-maskulitajiet u mhux fuq maskilità waħda li hija uniformi (221). McLeod

jistqarr li Connell iqassam il-maskilità f'erba' kategoriji: il-maskilità eġemonika, subordinata, ta' kompliċità u emarġinata.

Dwar l-irġulija Kimmel jistqarr li din tfisser affarijiet differenti, fi żminijiet differenti u għal nies differenti (73). Għalih id-definizzjoni tal-irġulija ngħatat b'mod tajjeb ħafna mill-psikologu Brannon. Brannon jispjega l-irġulija f'erba' frażijiet konċiżi (ikkwotat f'Kimmel 76). L-ewwel waħda hi "No Sissy Stuff". Dan ifisser li wieħed qatt ma jista' jagħmel xi ħaġa li tissuġġerixxi b'xi mod il-femminilità. Għalhekk, il-maskilità hija ċ-ċaħda kostanti ta' dak li hu femminili. It-tieni frażi, "Be a Big Wheel" tindika li l-maskilità hija mkejla permezz tal-poter, tas-suċċess, tal-ġid u tal-pożizzjoni soċjali. Punt ieħor huwa "Be a Sturdy Oak"; dan ifisser li l-maskilità tiddependi wkoll mill-fatt li r-raġel għandu jibqa' kalm u ma għandux juri l-emozzjonijiet tiegħu u għalhekk, raġel qatt m'għandu jibki. L-aħħar frażi hi "Give 'em Hell"; dan ifisser li raġel m'għandux jaqta' qalbu imma għandu jipprova u jieħu s-sogri li hemm bżonn. Kimmel jgħid li huma x'inhuma d-differenzi fir-razza, fil-klassi, fl-età, fl-etniċità jew fl-orjentazzjoni soċjali li tkun raġel ifisser li ma tkunx mara (76). Minn din it-teżi joħroġ li jekk wieħed jimxi ma' dawn il-karatteristiċi li jagħti Brannon (ikkwotat f'Kimmel) l-idea tal-irġulija toħroġ l-aktar min-novelli ta' Sammut. Id-deskrizzjonijiet li jagħti joqorbu aktar lejn id-deskrizzjonijiet li nsibu fin-narrattiva tradizzjonali. Għall-kuntrarju, fin-novelli ta' Nabhan u Azzopardi li ġew analizzati f'din it-teżi nsibu għadd ta' rġiel li ma jimxux mal-kriterji li jsemmi Brannon dwar l-irġulija. Saħansitra, f'waħda min-novelli ta' Azzopardi nsibu raġel li mhux kuntent li hu raġel tant li jsir mara.

Dwar id-dehra fiżika tar-raġel, dan ix-xogħol juri d-differenza li hemm bejn in-novelli ta' Sammut u ta' Azzopardi li ġew analizzati f'dan l-istudju. Dan għaliex fin-novelli ta' Sammut (li ġew analizzati) mid-deskrizzjoni fiżika r-raġel jidher b'saħħtu u għalhekk toħroġ ħafna l-maskilità tar-raġel. Min-naħa l-oħra, f'Azzopardi nsibu r-raġel vanituż u f'ċerti novelli ma toħroġx l-idea tal-irġulija. B'hekk naraw li Sammut qed jippreżenta r-raġel li jixbah lil dak li nsibu fil-letteratura tradizzjonali, waqt li Azzopardi tagħti viżjoni differenti ta' kif jidher ir-raġel.

Minn dan ix-xogħol joħroġ ukoll li fil-maġġoranza tal-każijiet, Sammut jippreżenta differenza bejn ir-raġel Malti u r-raġel barrani. Min-naħa l-oħra, Nabhan joħloq sitwazzjoni li fiha hemm l-għaqda bejn ir-raġel Malti u dak barrani. Madankollu, fin-novelli li ġew mistħarrġa Nabhan u Azzopardi biss

jiddiskutu t-tema tar-razziżmu. Dan għaliex huma kitbu f'perjodu meta f'Malta bdew deħlin ħafna barranin u għalhekk, beda jitla' fil-wiċċ ir-razziżmu li xi Maltin għandhom lejn il-barranin speċjalment lejn l-immigranti illegali.

Minn dan l-istudju joħroġ ukoll li f'dawn in-novelli r-reliġjon m'għadhiex tingħata importanza bħalma kienet tingħata fil-letteratura tradizzjonali. Infatti, f'dawn in-novelli l-atteġġjament tan-nies lejn il-qassis inbidel ukoll.

Fil-parti l-kbira tan-novelli ta' Sammut, Nabhan u Azzopardi nsibu li r-raġel qed igawdi minn pożizzjoni għolja fuq ix-xogħol. Waqt li fin-novelli ta' Sammut insibu xi rġiel li għandhom xi sengħa, fin-novelli ta' Nabhan u Azzopardi nsibu wkoll xi xogħlijiet relatati mat-teknoloġija. Dan jirrifletti l-bidla li saret fil-qasam tax-xogħol.

Dwar il-familja wieħed jista' jargumenta li fin-novelli ta' Sammut ir-raġel għandu l-poter fil-familja waqt li fil-maġġoranza tan-novelli ta' Azzopardi u Nabhan (li ġew mistħarrġa f'dan ix-xogħol) ma tantx insibu relazzjoni tajba bejn il-missier u l-ulied. It-tliet awturi jippreżentaw l-infedeltà fiż-żwieġ. Minkejja dan, Sammut hu l-iktar wieħed li joqrob lejn il-familja tradizzjonali. Għall-kuntrarju, Nabhan f'waħda min-novelli jippreżenta familja li hija ddominata mill-mara.

B'hekk nistgħu ngħidu li min-narrattiva tradizzjonali għal dawn in-novelli r-raġel qed jiġi ppreżentat b'mod differenti. Dan jaqbel ma' dak li jgħidu Edley u Wetherell li "the meaning of masculinity is not stable. It changes over time" (135).

*Nota tal-awtriċi: Dan l-artiklu huwa addattat mit-teżi tiegħi "Il-Maskilità f'xi Novelli Maltin" (2011).*

## Biblijografija


Azzopardi, Clare. *Il-Linja l-Ħadra*. Malta: Merlin Library, 2006. Stampat.

Edley, Nigel u Margaret Wetherell. *Men in Perspective Practice, Power and Identity.* Hertfordshire: Prentice Hall Harvester Wheatsheaf, 1995. Stampat.

Kimmel, Michael S. Ed. *Changing Men New Directions in Research on Men and Masculinity* 88. Newbury Park, Beverly Hills, Londra u New Delhi: Sage, 1987. Stampat.

Nabhan, Walid. *Lura d-dar u ġrajjiet oħra li ma ġrawx*. Malta: KKM, 2009. Stampat.

Sammut, Frans. *Newbiet*. Malta: Toni Cortis, 1998. Stampat.

Seidler, Victor. "Masculinity and Violence." *Rethinking Masculinity Philosophical Explorations in Light of Femminism*. Ed. Larry May, Robert Srikwerda, u Patrick D. Hopkins. It-tieni edizzjoni. L-Istati Uniti: Rowman & Littlefield Publishers, 1996. 63-75. Stampat.

Smith, Raquel. *Il-Maskilità f'xi Novelli Maltin*. Teżi tal-Baċċellerat. L-Università ta' Malta, 2011. Verżjoni diġitali.